MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**NOEL CUSCHIERI**

Seduta tas-27 ta' Ottubru, 2011

Citazzjoni Numru. 1029/2003

Kawza fil-lista: 56

**R Q f' isimha proprju**
**u bhala kuratrici ad litem tat-tfal minuri**
**V R, T X u N, ahwa Q**
**vs**
**B Q**

**Il-Qorti,**

Rat l-att tac-citazzjoni li permezz tieghu l-attrici ppremettiet u talbet hekk:

Premess illi l-partijiet kontendenti nghaqdu fiz-zwieg fil-11 ta' Novembru 1989, minn liema zwieg twieldu tlett (3) itfal it-tewmin V R Q u T X Q it-tnejn ta' tlettax (13)-il sena u l-minuri N Q li ghandha tmien (8) xhur;

Premess illi l-hajja konjugali bejn il-partijiet kontendenti m' ghadiex aktar possibli minhabba htijiet imputabbli lill-konvenut u senjatament minhabba adulterju, eccessi, mohqrija u ingurji gravi da parti tal-konvenut fil-konfront tal-attrici, u in subsidium ghax iz-zwieg tkisser irrevokabilment;

Premess illi l-attrici ottjeniet d-debita awtorizzazzjoni tas-Sekond Awla tal-Qorti Civili b' digriet sabiex tkun tista' tipprocedi b' din l-istanza;

Premess illi t-tentattivi sabiex jintlahaq ftehim bonarju ma sewa ghal xejn u ghalhekk kellhom jigu ntavolati l-proceduri odjerni;

Jghid ghalhekk il-konvenut ghaliex dina l-Onorabbli Qorti m' ghandhiex:

1. Tiddikjara u tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-partijiet kontendenti minhabba ragunijiet imputabbli lill-konvenut, u tawtorizza lill-attrici tghix separatament mill-konvenut;

2. Tikkundanna lill-konvenut sabiex thallas lill-attrici ghaliha u ghal minuri, dik ir-retta alimentarja xierqa u adegwata li tigi ffissata minn din l-istess Qorti;

3. Tapplika kontra l-konvenut interament jew in parte id-disposizzjonijiet tal-Artikolu 48 et seq tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

4. Tiddikjara xolta l-komunjoni tal-akkwisti ezistenti bejn il-partijiet kontendenti u tordna li l-istess oggetti formanti parti l-istess komunjoni jigu maqsuma f' zewg porzjonijiet kif jigi stabbilit u ordnat minn din il-Qorti, liema porzjonijiet jigu assenjati wahda lill-attrici u l-ohra lill-konvenut, okkorrendo bl-opera ta' periti nominandi;

5. Tinnomina Nutar Pubbliku sabiex jircievi l-att ta' divizjoni relattiv u kuraturi sabiex jirraprezentaw lill-eventwali kontumaci fuq l-istess att;

6. Tikkundanna lill-konvenut jikkonsenja lill-attrici l-Ri dotali u parafernali kollha taghha u tordna illi l-attrici tigi moghtija l-pjena amministrazzjoni tal-Ri parafernali taghha;

7. Tawtorizza lill-attrici illi tirregistra ossia tnizzel fir-Registru Pubbliku s-sentenza eventwalment moghtija minn din l-Onorabbli Qorti.

Bl-ispejjez kontra l-konvenut ngunt ghas-subizzjoni.

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet li biha l-konvenut eccepixxa:

1. Illi l-eccipjenti jeccepixxi illi l-attrici ma ottemporatx ruhha mad-digriet ta' din il-Qorti ta' nhar id-9 ta' Ottubru 2003 u huwa appuntu ghalhekk illi din il-kawza ghalkemm giet mressqa mill-attrici nhar is-7 ta' Ottubru 2003 din ghadha m' hix appuntata. Ghalhekk din il-Qorti ghandha tiehu provvediment fil-konfront tal-attrici f' dan ir-rigward u tappunta din il-kawza stante illi l-istess eccipjent ghandu interess illi din il-kawza timxi. In oltre, l-Qorti ghandha tikkonsidra dan ukoll anke ai fini ta' min ghandu jbati l-ispejjez tal-proceduri odjerni.

2. Illi l-eccipjent jecepixxi illi huwa ma jopponix ghas-separazzjoni personali izda dana ghal ragunijiet imputabbli lill-istess attrici u dana hekk kif se jkollu l-opportunita' illi jipprova waqt it-trattazzjoni tal-kawza odjerna.

3. Illi a rigward tal-kura u kustodja ta' l-ulied minuri, l-eccipjent jecepixxi illi huwa mhux qed jopponi li din tkun fdata pjenament f' idejn l-attrici basta huwa jinghata access adegwat.

4. Illi a rigward tal-manteniment, l-eccipjent ma jopponix illi huwa jforni manteniment ghall-minuri basta dan ikun relattiv ghall-introjtu tieghu, filwaqt li qieghed jopponi illi jforni manteniment lil martu l-attrici stante illi din gja qieghda tahdem u tista' facilment tibqa' tahdem u jkollha introjtu taghha fiss u regolari.

5. Illi a rigward tat-tielet talba et sequitur, l-eccipjenti lanqas ma qieghed jopponi ghax-xoljiment u likwidazzjoni tal-komunjoni tal-akkwisti u li l-istess komunjoni tinqasam f' zewg porzjonijiet, izda sakemm l-attrici bhala hatja tal-firda matrimonjali ta' bejn il-kontendenti ghandhom jigu applikati fil-konfront taghha minn din il-Qorti id-disposizzjonijiet ta' l-Artikoli relattivi tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta, inter alia, l-Artikolu 48 tal-istess Kapitolu.

6. Illi a rigward tas-sitt talba, l-eccipjent jecepixxi illi huwa m' ghandu xejn li jifforma parti mill-Ri dotali u/jew parafernali ta' l-attrici.

7. Illi a rigward tas-seba' talba, l-eccipjenti jecepixxi illi huwa m' ghandu l-ebda oggezzjoni ghal dan.

8. Salv eccezzjonijiet hekk kif premessi mill-ligi.

Rat id-dikjarazzjoni guramentata, il-listi tax-xhieda, u l-affidavits prezentati, kif ukoll in-noti tal-osservazzjonijiet tal-partijiet;

Rat ir-rapport tal-perit legali l-Avukatessa Dottor Stephanie Galea;[1]

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Ikkunsidrat;

**Azzjoni**

Illi permezz tal-azzjoni odjerna l-attrici qeda titlob li din il-Qorti tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-partijiet, minhabba li l-hajja konjugali bejn il-partijiet m'ghadhiex aktar possibbli u z-zwieg tkisser irrimedjabbilment ghal ragunijiet unikament imputabbli lill-konvenut fit-termini tal-artikoli 38 u 40 tal-Kap.16.

---

[1] Vol.4 – fol.1002 *et seq.*

Min-naha tieghu, il-konvenut, filwaqt li jaqbel li l-hajja konjugali bejniethom m'ghadhiex aktar possibbli, u li z-zwieg tkisser irrimedjabbilment, jattribwixxi dan "ghal ragunijiet imputabbli lill-istess attrici.."[2]

**Separazzjoni Personali**
Illi mill-provi jirrzulta pacifku li l-partijiet izzewwgu fil-11 ta' Novembru 1989, u minn dan iz-zwieg ghandhom tlett t'itfal, li minnhom it-tifla N biss ghadha minorenni, stante li twieldet fis-19 Jannar 2003.

Illi jumejn wara t-twelid tal-ahhar wild tal-partijiet, il-konvenut kien stqarr mal-attrici li hu kien ihobb mara ohra, certu Josephine Gauci, izda ried li jsalva z-zwieg tieghu. Dan kien is-sors ta' inkwiet li nqala' sussegwentement, u konsegwenzjalment, bejn il-partijiet, sakemm fl-ahhar il-konvenut telaq mid-dar konjugali u kompla bir-relazzjoni extra-matrimonjali mal-imsemmija mara, liema relazzjoni ghadha ghaddejja.

*Verzjoni Attrici*
L-attrici tispjega li matul il-konvivenza matrimonjali, izda qabel Jannar 2003, iz-zewg partijiet kienu jhabirku hafna fin-negozju li kien jiggestixxi l-konvenut. L-attrici, sa fejn setghet kienet taghti l-kontribut taghha f' dan ir-rigward; izda eventwalment ir-responsabbilita' kollha tad-dar u tat-tfal kienet waqghet fuqha.

Illi jumejn wara li twieldet it-tifla N, il-konvenut kien stqarr maghha li hu kien ihobb u kellu mara ohra, u talabha sabiex tghinu jsalva zwieg taghhom. L-attrici kienet accettat u l-partijiet kienu marru family therapy b'tentattiv li jsalvaw iz-zwieg; izda dan inutilment ghax jidher li l-konvenut ma qatghax ir-relazzjoni ma' din il-mara. Huwa kien telaq mid-dar ghal xi zmien, u kien irritorna lura, izda inutilment. Eventwalment huwa telaq mid-dar definittivament u kompla bir-relazzjoni extra-matrimonjali mal-imsemmija mara.

*Verzjoni Konvenut*

---
[2] Vol.1 – fol.15

Illi l-konvenut jammetti li dan kellu relazzjoni ma' Josephine Gauci, izda kien xtaq li jsalva z-zwieg tieghu, u jerga' jirranga ma' martu. Inizjalment jidher li martu kienet accettat, u fil-fatt kienu marru family therapy. Maz-zmien pero' beda jinnota li martu ma kienitx qed tafdah u kienet qabdet investigatur privat sabiex jisegwi l-passi tieghu.

Il-konvenut jghid li kienet dahlet il-pika da parti ta' martu, u ghalhekk ma setax jibqa' jikkonvivi maghha. Di fatti huwa telaq mid-dar defenittivament, u kompla bir-relazzjoni tieghu ma' l-imsemmija Josephine Gauci, liema relazzjoni ghadha ghaddejja.

*Konsiderazzjonijiet tal-Qorti*
Illi ma hemmx dubju li l-inwkiet matrimonjali bejn il-partijiet isib il-fonti tieghu fir-relazzjoni extra-matrimonjali tal-konvenut ma' Josephine Gauci.

Illi, ghalkemm saru tentattivi ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet sabiex jipprovaw isalvaw iz-zwieg, dawn ma hallewx il-frott desiderat, ghax l-inkwiet matrimonjali, fuq hekk, kompla u pprecipita bis-separazzjoni de facto meta l-konvenut telaq mid-dar biex ikompli bir-relazzjoni extra-matrimonjali.

Dan premess u kkunsidrat, il-Qorti hija tal-fehema li z-zwieg bejn il-partjiet tkisser irrimedjabbilment unikament tort tar-relazzjoni adulteruza da parti tal-konvenut, li ghalhekk huwa unikament hati tas-separazzjoni personali fit-termini tal-artikolu 38 tal-Kapitlu16, liema fatt jattira ex lege s-sanzjonijiet kontemplati fl-artikolu 48 ta' l-istess Kapitlu.

**Kura u Kustodja**
Illi l-interessi supremi tal-minuri jiddettaw li t-tifla N li llum ghandha tmien [8] snin, u li dejjem ghexet m'ommha, tibqa' fil-kura u kustodja taghha bid-dritt ta' access favur il-missier.

Ghalhekk il-Qorti tafda l-kura u kustodja ta' din it-tifla lill-attrici, bid-dritt ta' access favur il-konvenut kull nhar ta' Sibt jew Hadd, b' mod alternat mill-9.30am sas-7.00pm.

**Manteniment**
Illi permezz ta' digriet moghti mill-Onorabbli Qorti tas-Sekond' Awla Civili fl-20 Mejju 2003 l-konvenut kien gie ordnat ihallas lill-attrici bhala manteniment ghaliha s-somma settimanali ta' LM70 [illum €163 ], u s-somma ta' LM30 [illum €70 ] bhala manteniment ghat-tlett ulied minuri tal-partijiet, pagabbli bil-quddiem.

*Manteniment Futur*
Il-Qorti tosserva li fil-kaz odjern, il-konvenut bhala l-parti unikament hatja tas-separazzjoni personali ghandu jhallas manteniment lill-attrici ghaliha;  kif ukoll bhala genitur tat-tifla minuri N, ghandu wkoll ihallas lill-attrici manteniment ghal din il-wild.

Ferm il-premess, il-Qorti wara li qieset ic-cirkostanzi kollha tal-kaz, inkluz il-mezzi tal-partijiet u l-bzonnijiet tal-attrici ghaliha u ghat-tifla taghha minuri, tenut kont ukoll li l-attrici hija kapaci tahdem, tordna li l-konvenut jhallas lill-attrici bhala manteniment ghaliha s-somma ta' €140 [ekwivalenti ghal LM60] kull  gimgha bil-quddiem, u s-somma ta' €58 [ekwivalenti ghal LM25] kull  gimgha bil-quddiem bhala manteniment ghat-tifla minuri.  Din ir-rata alimentarja tizdied kull sena skont ir-rata tal-gholi tal-hajja, kif tidher fl-indici ufficjali tal-gvern.

Il-manteniment ghall-attrici jieqaf meta dina tibda tahdem bi ntrojtu regolari u adegwat;  filwaqt li l-manteniment ghall-minuri jieqaf meta dina taghlaq tmintax-il sena jew tibda tahdem bi qligh regolari u adegwat, liema jigi l-ewwel.

Inoltre il-konvenut hu ordnat li jhallas l-ispejjez medici u edukattivi tal-minuri N.

*Manteniment Arretrat*
Illi mill-provi jirrizulta li minn Ottubru 2003 'il quddiem il-konvenut ma hallasx lill-attrici l-manteniment ordnat mill-qorti, salv ghal xi pagamenti li jidhru fuq in-nota guramentata prezentata mill-attrici, u li kopja taghha qeda

tigi annessa mal-gudizzju odjern sabiex tifforma parti ntegrali mill-istess [Appendici A][3].

Illi kif jidher mill-imsemmija nota, l-ammont ta' manteniment arretrat dovut lill-attrici mill-konvenut sa' Gunju 2010, jlahhaq is-somma ta' €73,826.29, li maghha trid tizdied is-somma ta' €12,675.20[4]; u ghalhekk b' kollox il-konvenut ghandu jghati lill-attrici in linea ta' manteniment arretrat is-somma komplessiva ta' **€86,502**.

Il-konvenut huwa ordnat li jhallas lill-attrici din is-somma ta' sitta u tmenin elf, hames mija u tnejn ewro.

**Komunjoni ta' l-Akkwisti**

Illi f' dan ir-rigward il-Qorti taghmel referenza ghall-konsiderazzjonijiet maghmula u konkluzjonijiet raggjunti mill-perit legali fir-rapport taghha fil-pagni 12 sa 17, u qed tannetti kopja tal-istess mal-gudizzju odjern sabiex tifforma parti ntegrali mill-istess [Appendici B][5]; u salv ghal dak li ser jinghad hawn taht, taddotta l-kontenut ta' din il-parti tar-rapport.

Illi l-komunjoni tal-Akkwisti tikkonsisti fis-segwenti:

*Attiv*

[1] Il-fond [id-dar matrimonjali] Rabat, valur ta' LM37,500 [illum €87,352 ];
[2] Il-garage Rabat, valur ta' LM15,000 [ illum €34,941 ];
[3] Il-garage Rabat, valur ta' LM67,000 [illum €156,068 ];
[4] In-negozju tal-car-hire u "vulcaneering", li ma ngabx provi dwar il-valur tieghu;
[5] Numru ta' vetturi li jinsabu elenkati u deskritti fil-pagna 13 tar-rapport peritali;
[6] Kontijiet Bankarji li jinsabu elenkati u deskritti fil-pagna 15 tar-rapport peritali;
[6] Kirijiet mill-fondi deskritti fl-istess pagna tar-rapport;

[3] Fols.1066 sa 1067
[4] Gunju 2010 – Ottubru 2010 = 68 gimghat x €186.4 [LM80]
[5] Vol.4 – fols.1012 sa 1017

*Passiv*
Dejn mal-Bank of Valletta, konsistenti fl-overdraft account numru 107 – 5675004 – 7, u f' Consumer Loan numru 4001013942 – 6. Jidher li fl-ewwel kont hemm dejn ta' circa LM4,461 [illum €10,391 ]; filwaqt li fit-tieni kont il-bilanc tad-dejn huwa ta' circa LM24,687 [illum €57,505 ].

L-assi parafernali tal-konvenut huma dawk elenkati u deskritti mill-perit legali fil-pagni 16 u 17.

Il-Qorti tordna li ssir is-segwenti assenjazzjoni:

[1] illi l-konvenut jitrasferixxi lill-attrici s-sehem tieghu fil-fond [dar] Rabat, u fil-fond [garage] Rabat, b' mod li dawn il-fond jigu jappartjenu lill-attrici fl-intier taghhom; filwaqt li l-attrici titrasferixxi lill-konvenut is-sehem taghha fil-fond [garage] MSM6 Triq Vjal-il Haddiem, Rabat b' mod li dan jigi jappartjeni lill-konvenut fl-intier tieghu.

Jigi osservat li s-sehem ta' kull parti f' dawn il-fondi tammonta ghal LM59,750[6] [illum €139,180], u ghalhekk il-konvenut ghandu jghati lill-attrici in linea ta' ekwiparazzjoni s-somma ta' LM7,250[7] [illum €16,888 ].

[2] l-attrici titrasferixxi s-sehem taghha fin-negozju tal-konvenut b' mod li dan jigi jappartjeni lilu, filwaqt li l-istess konvenut huwa obbligat jhallas wahdu d-djun kollha relattivi ghal dan in-negozju, kif ukoll dawk indikati fl-imsemmi overdraft account u consumer loan.

[3] li, salv ghall-vetturi Toyota BVY001 u Fort HMY237, l-attrici titrasferixxi is-sehem taghha fil-vetturi elenkati mill-perit legali fis-sezzjoni ntestata "Vetturi" b' mod li dawn jigu jappartjenu fl-intier taghhom lill-konvenut, flimkien ma' xi djun li talvolta hemm fuqhom; filwaqt li l-konvenut jattrasferixxi lill-attrici s-sehem tieghu fil-vetturi Toyota u Ford fuq insemmija b' mod li dawn jigu jappartjeni lilha fl-intier taghhom.

---

6 LM37,5000 + LM15,000 + LM67,000 = LM119,500 /2 = LM59,750
7 LM59,750 – [LM37,500 + 15,000]

Il-konvenut ghandu jhallas lill-attrici bhala sehemha mill-vetturi assenjati lilu nofs il-valur indikat mill-perit legali b' referenza ghall-poloz ta' l-assikurazzjoni rispettivi. Minn naha taghha l-attrici m' ghandha thallas xejn lill-konvenut tas-sehem tieghu trasferit lilha miz-zewg vetturi fuq indikati, u dana bhala kumpens tas-sehem taghha minn-negozju li sar waqt iz-zwieg.

[4] Il-kontijiet bankarji kif indikati mill-perit legali ghandhom jinqassmu wgwalment bejn il-partijiet.

[5] Il-kirjiet indikati mill-perit legali fil-pagna 15 ghandhom jibqghu jigu percepiti mill-konvenut.

**Decide**

Ghal dawn il-motivi tiddeciedi billi:

[1] tilqa' l-ewwel talba u tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-partijiet, bi htija unika tal-konvenut;

[2] tilqa' t-tieni talba fit-termini kif fuq stabbilit u ordnat fis-sezzjoni ntestata 'Manteniment';

[3] tilqa' t-tielet talba fis-sens li tapplika kontra l-konvenut l-artikolu 48 fl-intier tieghu, tal-Kap.16;

[4] tilqa' ir-raba talba, u, filwaqt li xxolji l-komujoni ta' l-akkwisti, tillikwidaha u tassenjaha kif fuq stabbilit u ordnat fis-sezzjoni ntestata 'Komunjoni ta' l-Akkwisti';

[5] tilqa' l-hames talba u tinnomina lin-Nutar Dottoressa Sylvana Borg Caruana biex tircevi l-att opportun fil-post, gurnata u hin indikat minnha, fi zmien tlett xhur; filwaqt li tinnomina lid-Dottoressa Graziella Bezzina sabiex tidher fuq l-att ghall-eventwali kontumaci;

[6] tichad is-sitt talba, stante li ma ngabux provi fir-rigward;

[7] tilqa' it-tmien talba.

L-ispejjez kollha jkunu a kariku tal-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------